

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7305 — TDR Capital/Delek Europe)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 227/12)

1. Fid-9 ta' ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża TDR Capital LLP ("TDR", ir-Renju Unit) permezz ta' kumpanija inkorporata ġdidha DEL Acquisitions B.V. ("DEL", il-Pajjiżi l-Baxxi) takkwista l-kontroll waħdieni tal-impriża Delek Europe B.V. ("Delek Europe", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- TDR hija impriża tal-ekwità privata li tinvesti – principally fir-Renju Unit – fvarjetà ta' setturi fosthom gyms u klabbs tas-saħħa, servizzi ta' proprietà battala, kostruzzjoni modulari, pubs u ristoranti, xiri ta' djun, ritorn ta' pallets loġistiċi u assurazzjoni fuq il-ħajja.
- Delek Europe hija l-kumpanija prinċipali ta' numru ta' sussidjarji li permezz tagħhom topera fin-negożju tal-operazzjonijiet tal-kummerċ tal-fjuwil fil-Belġju, Franzia, il-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi. Hijha tissupplixxi wkoll karburanti bl-ingrossa u lubrikanti lill-bejjiegħha bl-ingrossa, lill-klijenti industrijni u kumpaniji tat-trasport fir-reġjun tal-Benelux.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks +32 22964301) jew bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7305 — TDR Capital/Delek Europe, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.